**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 14 ta` Novembru, 2018.**

**Talba Nru: 424/2018PA**

**GO plc**

**vs**

**Polly Ann Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fil-31 ta` Awissu 2018 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta` sitt mija, tmienja u tmenin Ewro, tnejn u tletin ċenteżmu (€688.32ċ) dovuti in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont numru 40565262 bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 874/2017, u bl-imgħaxijiet.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta` attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kontijiet mertu ta` din il-kawża (Dok. A, fol. 2); (ii) kopja tal-kuntratti li l-konvenuta kellha mas-soċjeta` attriċi (Dok. B, fol. 3); u (iii) kopja ta` ittra uffiċjali eżekuttiva numru 874/17 (Dok. C, fol. 4).

Ra li l-konvenuta kienet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero` baqgħet ma ppreżentatx Risposta u lanqas dehret biex tikkontesta l-kawża.

Sema’ x-xiehda ta` Paul Gatt, *credit control officer* mas-soċjeta` attriċi, li kkonferma li l-ammont mitlub għadu dovut.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta ampjament pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenuta.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa’ t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta` sitt mija, tmienja u tmenin Ewro, tnejn u tletin ċenteżmu (€688.32ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**